**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**

**vs.**

**Josef Grech**

Numru: 731/2012

Illum 12 ta' Mejju 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Josef Grech**, ta' tletin (30) sena, bin Martin u Dorothy neé Caruana, imwieled Pietà fl-24 ta' Mejju 1981 u joqghod f'28, Triq il-Mons. A. Buhagiar, Rabat, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 267081(M), akkuzat talli f'xi granet, f'Ottubru 2011 u wara, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmula minnu li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. bil-hsieb li jwettaq frodi b'eghmil qarrieqi, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' frodi b'eghmil qarrieqi billi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq

iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika biex jaghmel qliegh ghalih jew ghal persuni ohra ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Victor Muscat (€44,500);

2. fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

3. fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza;

4. sar recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

5. ghamel reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Magistrat Dr. Lawrence Quintano LL.D. nhar il-5 ta' Mejju 2010, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

6. kiser il-provedimenti ta' sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Antonio Mizzi LL.D. fil-5 ta' April 2011, meta wettaq reat fi zmien il-perjodu ta' tlett snin mis-sentenza, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex, f'kaz ta' sejbien ta' htija, tikkundanna lill-imputat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata l-14 ta' April 2014 (*a fol.* 271 *et seq.*) li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

1. fl-Artikoli 18, 308 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-Artikoli 18 u 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-Artikolu 18 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. fl-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. fl-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-2 ta' Gunju 2014 (*a fol.* 275), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-14 ta' April 2014 (*a fol.* 271 *et seq.*), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u mill-*parte civile*.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u anqas ressaq ebda provi.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fl-20 ta' Marzu 2015 (*a fol.* 289 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza pprezentata fit-8 ta' Lulju 2015 (*a fol.* 302 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ulterjuri tal-Prosekuzzjoni pprezentata fit-13 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 306 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2016, is-sottomissjonijiet ulterjuri bil-fomm tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 319 *et seq*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2012, xehed **Victor Muscat** (*a fol.* 14 *et seq.*) fejn spjega li xoghlu huwa dak ta' *car dealer* u jghid li ilu f'dan il-qasam ghal erbghin sena. Jghid li hu ma jafx jikteb u anqas jaqra. Jghid li sena qabel l-imputat bieghlu vettura u l-imputat qallu biex jaghmillu zewg cekkijiet, wiehed fuq martu u iehor fuqu. Jghid: *"Imbaghad rega' gie bieghli karozza ohra u ghamiltlu cekk ta' mija u hamsa u ghoxrin minghalija, miniex ezatt, u ghamiluli tnax-il mija u hamsin hu dan ic-cheque. U l-iehor ta' sitt mija ghamiluli sittax-il elf, u ghamilli iehor sittax-il elf, tnejn sittax-il elf"* (*a fol.* 14). Jghid li huwa (Muscat) kiteb biss il-figuri ta' sitt mija u ghamel il-firma tieghu u li l-kliem ma gewx miktuba minnu. Minkejja li jghid li l-kliem gew miktuba mill-imputat, jghid li dawn ma gewx miktuba quddiemu tant li jghid li c-cekkijiet gew mehuda mill-imputat u hu (Muscat) ma jafx x'ghamel bihom l-imputat.

**Victor Muscat** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-24 ta' Frar 2014 (*a fol.* 265 *et seq.*) fejn qal li l-ewwel xtara Mercedes minn ghand l-imputat u fuq din il-vettura ma kienx hemm problemi. Wara l-Mercedes, xtara vettura Free Lander minn ghand l-imputat ghal prezz ta' sitt mija. Jghid li l-hlas sar b'cekkijiet u li l-imputat qallu biex jaghmel cekk fuq il-mara u cekk fuqu. Jghid li huwa (Muscat) ghamel dawn iz-zewg cekkijiet billi kiteb in-numru sitt mija u ffirma – jghid li ma kiteb xejn izjed peress li ma jafx jikteb. Jghid li

minn ghand l-imputat wara xtara Mazda u dan sar billi ghadda zewg cekkijiet lill-imputat. Jghid li huwa ffirma c-cekkijiet u mistoqsi jghid jekk kitibx xi haga ohra fuq dawn ic-cekkijiet, wiegeb: *"Ma ktibt xejn ghax lanqas naf nikteb"* (*a fol.* 266). Jghid li meta l-imputat mar ghandu, mieghu kien hemm martu u tifla zghira.

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li fic-cekkijiet li ta lill-imputat huwa (Muscat) kien inizzel ic-cifra u ffirma pero ma kien jikteb xejn izjed. Jghid li kien jghaddi c-cekkijiet lill-imputat u li l-kliem fuq ic-cekkijiet ma gewx miktuba fil-prezenza tieghu.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2012, xehed ukoll **Romwald Attard** (*a fol.* 16 *et seq.*) fejn wara li spjega li huwa jokkupa l-kariga ta' *Senior Manager* mal-Bank of Valletta ezebixxa tlett cekkijiet li nhargu mill-kont ta' Victor Muscat, liema cekkijiet gew immarkati bhala Dok. "RA 1" sa "RA 3" (*a fol.* 18). Jghid li cekk immarkat bhala Dok. "RA 1" kien fl-ammont ta' €16,000 u gie msarraf fis-6 ta' Ottubru 2011, cekk immarkat bhala Dok. "RA 2" kien fl-ammont ta' €12,500 u gie msarraf fl-10 ta' Ottubru 2011, u cekk immarkat bhala Dok. "RA 3" kien fl-ammont ta' €16,000 u gie msarraf fil-11 ta' Ottubru 2011. Jghid li t-tlett cekkijiet gew imsarfa mill-imputat. Jghid ukoll li kien hemm cekk iehor li gie mwaqqaf u ghal dan gie ezebit dokument li gie mmarkat bhala Dok. "RA 4" (*a fol.* 19).

In <u>kontro-ezami</u> ezebixxa dokument li gie mibghuta minnu lill-Ufficjal Prosekutur Stivala u dana wara talba tieghu skond il-ligi, liema dokument gie mmarkat bhala Dok. "RA 5" (*a fol.* 20).

**Romwald Attard** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 90) fejn ezebixxa cekk originali datat 25 ta' Mejju 2011 mahrug mill-kont ta' Victor Muscat u pagabbli lil Doreen Spiteri liema cekk kien fl-ammont ta' €17,500. Dan ic-cekk gie mmarkat bhala Dok. "RA 6" (*a fol.* 91B). Jghid li c-cekk gie msarraf fi flus kontanti minn persuna li kellha l-Karta tal-Identita' bin-Numru 167179(M)).

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2012, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-**iSpettur Rennie Stivala** (*a fol.* 21 *et seq.*) fejn spjega fiex kienu jikkonsistu l-investigazzjonijiet tieghu in segwitu tar-rapport li kien ghamel Victor Muscat fejn allega li kien gie frodat permezz ta' cekkijiet. Jghid: *"[A]hna kellimna lis-Sur Josef Grech ghax kien indikat hu bhala persuna dan ammetta li biegh il-karozzi lil Victor Muscat, ammetta wkoll li talbu li jaghmel zewg pagamenti ugwali ghal kull karozza, pero' ma ammettiex li ghamel din il-bicca xoghol. Hu qal li c-cekkijiet zammhom kif kienu"* (*a fol.* 21 *et seq.*). Ezebixxa erba' dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "RS 1" sa "RS 4" (*a fol.* 23 *et seq.*) u kif ukoll tlitt sentenzi li gew immarkati bhala Dok. "RS 5" sa "RS 7" (*a fol.* 28 *et seq.*).

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Rennie Stivala** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2013 (*a fol.* 54) fejn ezebixxa c-*cheque book* tal-kwerelant li gie mmarkat bhala Dok. "RS 8" (*a fol.* 55).

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Rennie Stivala** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2014 (*a fol.* 276) fejn ezebixxa dikjarazzjoni u stqarrija tal-imputat li gew immarkati bhala Dok. "RS 9" u "RS 10" (*a fol.* 277 *et seq.*).[1]

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2014 (*a fol.* 285 *et seq.*), mistoqsi jghid jekk hu jibbazzax il-prezz taz-zewg vetturi msemmija mill-kwerelant fuq dak li jirrizulta mill-mamma fic-*cheque book*, wiegeb: *"Le mhux biss. Fuq dak li qal hu wkoll"* (*a fol.* 285). Ghad-domanda: *"Dan Victor Muscat qalilkom min kien kiteb ic-cheque book u min kien kiteb ic-cekkijiet u anke l-butts tac-cheque book?"* (*a fol.* 286), wiegeb li meta kellmu hu, Muscat ma setghax jiftakar min kien kitibhom pero kien qallu li ma kienx jaf jikteb u li Muscat kien qallu li jew kien kitibhom l-imputat jew inkella l-*partner* tieghu Doreen li kien hemm mieghu.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2012, xehed **Glenn Theuma** (*a fol.* 44 *et seq.*) fejn qal li huwa biegh vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAB 018 lill-imputat ghal prezz ta' elf Euro (€1,000).

[1] Dawn huma identici ghal dawk ipprezentati mill-iSpettur Rennie Stivala fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2013 (Dok. "RA 8" u "RA 9" – *a fol.* 251 *et seq.*).

Jghid li kellha tinqaleb l-*insurance* ghal fuq l-imputat pero din qatt ma nqalbet u dana minkejja li hu (Theuma) kien icempel lill-imputat diversi drabi u dan jibqa' ma jwegbux.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2012, l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Rennie Stivala** pprezenta dikjarazzjoni ta' Glenn Theuma u ta' Joe Dimech, li gew immarkati bhala Dok. "RA 6" u "RA 7" (*a fol.* 46 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2012, xehed **Joe Dimech** (*a fol.* 48 *et seq.*) fejn spjega li xtara vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAB 018 minn ghand Victor Muscat ghall-prezz ta' disa' mitt Euro (€900).

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2013, xehed **Alfred Agius** (*a fol.* 81 *et seq.*) fejn spjega li huwa rapprezentant tas-socjeta' Fogg Insurance u xehed li l-polza ta' assigurazzjoni tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBR 847 bdiet fit-18 ta' Lulju 2011 u skadiet fil-31 ta' Marzu 2012. Qal li din il-vettura kienet inxjurata f'isem l-imputat ghas-somma ta' €4,000 u pprezenta d-dokumentazzjoni li xehed fuqha li giet immarkata bhala Dok. "AA 1" (*a fol.* 83 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2013, xehed ukoll **Paul Sciberras** (*a fol.* 86 *et seq.*) fejn spjega li huwa rapprezentant tas-socjeta' Gasan Mamo Insurance u xehed li vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAB 018 hija nxurjata fuq James Dimech. Jghid li skond il-*Vehicles Value Guide* fis-sena 2011 il-valur ta' din il-vettura kien ta' €900. Huwa pprezenta dokumentazzjoni li giet immarkata bhala Dok. "PS 1" (*a fol.* 88).

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2013, xehed ukoll **Joseph Grech** (*a fol.* 92 *et seq.*) fejn spjega li huwa *Branch Manager* tal-Bank of Valletta u li fis-sena 2011 kien mar Victor Muscat u rrizulta li kienu nhargu eluf kbar ta' Euro mill-kont tieghu u li meta Muscat gie muri numru ta' cekkijiet li kienu nhargu b'dawn l-ammonti, Muscat qallu li hu kien johrog cekkijiet b'mijiet ta' Euro.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2013, xehed **Stephen Cachia** (rapprezentant ta' *Transport Malta – a fol.* 99 *et seq.*) fejn xehed u ezebixxa dokumentazzjoni fir-rigward ta' vetturi bin-numri ta' registrazzjoni CBR 847 u DAB 018, liema dokumentazzjoni giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "SC 1" u "SC 2" (*a fol.* 100A *et seq.*).

**Stephen Cachia** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2014 (*a fol.* 257) fejn rega' ipprezenta d-dokumenti li kien diga pprezenta fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2013

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2013, xehed **Joseph Mallia** (*a fol.* 101) in ezekuzzjoni tal-inkarigu moghti lilu u pprezenta r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "JM 11" (*a fol.* 104 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2013, **Doreen Spiteri** (*a fol.* 103) hadet il-pedana tax-xhieda fejn ghazlet li ma tixhidx wara li giet infurmata li jistghu jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront taghha.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-istqarrija (Dok. "RS 10" – *a fol.* 278 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Rennie Stivala, liema stqarrija gie rilaxxata wara li l-imputat inghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat u huwa rrinunzja ghal dan id-dritt (Dok. "RS 9" – *a fol.* 277), l-imputat ikkonferma li biegh vetturi lil Victor Muscat u kkonferma wkoll li Muscat hallsu b'cekkijiet. Ikkonferma li Muscat kien tah aktar minn cekk wiehed ghal kull vettura pero ma jiftakarx kemm il-cekk tah. Ghad-domanda: *"X'kien fihom miktub ic-cekkijiet li tak Victor Muscat"* (*a fol.* 279), wiegeb: *"Kienu mimlijin kif suppost u jien ma ktibx xejn fuqhom"* (*a fol.* 279). Jghid li ma jafx jekk Victor Muscat jafx jikteb. Ghad-domanda jekk hux sarrafx cekk ta' €16,000, cekk ta' €12,500 u cekk ta' €16,000, wiegeb: *"Jien nikkonferma li sarraft dawn ic-cekkijiet kif kienu"* (*a fol.* 279). Mistoqsi jghid jekk kitkibx xi haga fuq ic-cekkijiet, jghid: *"Ma ktibt xejn"* (*a fol.* 279). Ghad-domanda jekk huwa qabbadtx lil xi haddiehor jikteb xi haga fuq dawn ic-cekkijiet, wiegeb: *"Jien nghid li hadthom mimlijin lesti minghandu c-cekkijiet, u ma nafx min kitibhom"* (*a fol.* 279).

**Ikkunsidrat**

Illi din il-kawza tirrigwarda lill-bejjiegh tal-vetturi Victor Muscat li hareg numru ta' cekkijiet lill-imputat. Muscat jispjega kif huwa hareg dawn ic-cekkijiet ghall-ammonti ta' €125, €600 u €600, fuq liema cekkijiet huwa kemm ffirma u kiteb ic-cifra numerika. Jirrizulta pero li meta dawn ic-cekkijiet partikolari gew msarrfa kienu ssarfu fis-segwenti ammonti: wiehed ta' €12,500 u tnejn ohra ta' €16,000 il-wiehed[2]. Filwaqt li l-ewwel tlitt (3) imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat jirrigwardaw dawn ic-cekkijiet, l-imputat jinsab akkuzat ukoll li wettaq reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, li kiser provediment ta' sentenza ohra u kif ukoll li huwa recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi qabel il-Qorti tghaddi sabiex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputat, ikun opportun li, l-ewwel u qabel kollox, il-Qorti tindirizza dak sollevat mid-difiza fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha fejn qalet hekk (*a fol.* 304):

> "Illi, *inoltre*, l-esponenti jixtieq jirrileva illi l-proceduri li saru fil-konfront tieghu gew kolpiti b'irregolarita' illi timmina l-istess proceduri. Fil-31 ta' Dicembru 2011, l-Avukat Generali pprezenta rikors *a fol.* 51a illi fih iddikjara illi fid-29 ta' Novembru 2011 gew lilu mibghutin mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja l-atti tal-kumpilazzjoni kontra l-esponenti u talab bis-sahha ta' l-Artikolu 432 tal-Kap. 9 illi dika l-Onorabbli Qorti joghgobha ttawwallu z-zmien ghal hmisax-il jum iehor.
>
> Illi minkejja illi skond Artikolu 432(1) tal-Kap. 9, l-Avukat Generali kellu xahar biex jaghmel tali talba, u dan it-terminu ma giex osservat, it-talba tal-Avukat Generali giet milqugha. Madankollu, l-Avukat Generali naqas li johrog l-att tal-akkuza fil-hmistax-il jum ulterjuri illi gie lilu koncess. Fil-fatt l-att tal-akkuza giet ipprezentata hafna

[2] Dawn ic-cekkijiet jinsabu mmarkati bhala Dok. "RA 1" sa "RA 3" (*a fol.* 18).

aktar tard fl-14 ta' April 2014 *a fol.* 271 u ma hemm l-ebda evidenza fil-process illi l-President ta' Malta f'xi hin awtorizzat tali dewmien sabiex tigi pprezentata l-att tal-akkuza. Ghaldaqstant, galadarba l-Prosekuzzjoni ma mxietx bl-aktar mod palezi mad-dettami u termini tal-ligi sabiex tinhareg l-att tal-akkuza fil-konfront tal-esponenti, huwa nkoncepibbli illi l-esponenti jinstab hati ta' xi akkuza ghab-bazi ta' att ta' akkuza illi huwa milqut b'irregolarita' daqshekk palezi".

Illi l-Qorti tibda billi tinnota li d-data ndikata fir-Rikors tal-Avukat Generali (*a fol.* 51a), cioé dik tad-29 ta' Novembru 2011, hija semplici *lapsus calami* u dana *stante* li, minghajr ombra ta' dubju, din kellha tigi ndikata bhala 29 ta' Novembru 2012 minhabba li f'Novembru 2011 il-proceduri fil-konfront tal-imputat anqas kienu ghadhom gew intavolati u minhabba l-fatt li t-timbru tar-Registru tal-Qorti fuq ir-rikors jindika l-annu 2012. Apparti minn dan, fir-rigward ta' dak sollevat mid-difiza u li saret riferenza ghaliha hawn fuq, il-Prosekuzzjoni ghandha ragun meta fin-Nota taghha (*a fol.* 306 *et seq.*) issolevat li Artikolu 432(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jinqara flimkien ma' Artikolu 405 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn fis-sub-artikolu (1) jghid hekk:

"Il-Qorti, wara li tibgħat l-atti biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża u qabel ma jiġi ippreżentat l-att tal-akkuża, b'talba bil-miktub tal-Avukat Ġenerali, għandha tagħmel mistoqsijiet oħra lix-xhieda li jkunu ġa nstemgħu jew tisma' xhieda ġodda".

Isegwi li Artikolu 405(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"L-Avukat Ġenerali għandu, għal dan l-iskop, jibgħat lill-Qorti l-atti tal-kompilazzjoni flimkien mat-talba tiegħu bil-miktub, u fiha għandu jfisser fuqhiex għandu jsir l-eżami jew l-eżami mill-ġdid tax-xhieda".

Illi għaldaqstant bl-ebda mod ma jirrizulta li l-proceduri odjerni ġew kolpiti b'irregolarita' kif issostni d-difiża u għaldaqstant il-Qorti ser tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat waħda waħda.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikoli 308 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta)</u>:**
Illi Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jirrigwarda "Frodi b'egħmil qarrieqi".

Illi biex jissussisti r-reat tal-frodi jew truffa ġie ritenut diversi drabi fil-ġurisprudenza u fis-sentenzi tal-Qrati tagħna illi jridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suġġett attiv u s-suġġett passiv tar-reat u cioé bejn min qiegħed jikkommetti r-reat u l-vittma. Hemm imbagħad l-element materjali ta' dana r-reat u cioé l'użu ta' ingann jew raġġieri li jwasslu lill-vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa neċessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jingannа u dana sabiex jikseb profitt jew vantaġġ għalih innifsu. Jekk xi wieħed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura r-reat tat-truffa ma jistax jissussisti.

Illi f'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** mogħtija fit-22 ta' Frar 1993, il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali għamlet esposizzjoni ferm preċiża, studjata u dettaljata għar-rigward ta' l-elementi ta' dana r-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruħha b'dan il-mod għar-rigward ta' dana r-reat:

> *"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-leġislazzjoni Rumana kien magħruf bħala steljolat u li jikkorrispondi eżattament għat-truffa tal-Codice Sardo, għal frodi tal-Kodiċi Toskan, għal Engano jew Estafa fil-kodiċi Spanjol, għal Bulra f'dak Portugiż, u għal Esroquerie fil-Kodiċi Franciż. […]*

*Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta' l-Artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (Artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi […].*

Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta' l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.

Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.

Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta' l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkommetti d-delitt tat-truffa kull min:

a) b'mezzi kontra l-ligi, jew
b) billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew
c) ta' kwalifiki foloz jew
d) billi jinqeda b'qerq iehor u
e) ingann jew
f) billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,
g) jew ta' hila;
h) setgha fuq haddiehor jew
i) ta' krediti immaginarji jew
j) sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.

[...H]u necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti

u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. [...]

Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi *"hemm bzonn biex ikun reat taht l-Artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza* ***Reg vs. Francesco Cachia e Charles Bech*** *(03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed é necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede""*.

Illi fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** kwotata hawn fuq, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali iccitat lill-Imhallef Guzé Flores fejn qal illi:

*"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene"*.

L-istess Imhallef Flores kompla jghid li:

*"....Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioé kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-Artikolu 308 tal-Kodici*

*Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita' tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."*

Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta' l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-Qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jissussisti r-reat tal-frodi baqghu nvarjati fi-zmien.

Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewlieni fir-reat tal-frodi huwa *"l'elemento del danno patrimoniale"*. Biex imbaghad jissussisti dana t-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu *"I tre momenti di cui si compone il reato é cioé la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione Penale Sez. II 3 ottobre 2006 n. 34179)*

Illi, ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, cioé **Il-Pulizija vs. Patrick Spiteri**, deciza fit-22 ta' Ottubru 2004:

> *"L'agente […] deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quel profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta' sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

Illi filwaqt li Muscat jispjega kif huwa hareg tlett cekkijiet ghall-ammonti ta' €125, €600 u €600 li eventwalment gew imsarfa ghall-ammonti ta' €12,500, u tnejn ta' €16,000 il-wiehed, fl-istqarrija rilaxxata minnu l-imputat jichad li kiteb xi haga fuq dawn ic-cekkijiet. Huwa jghid li sarraf dawn ic-cekkijiet kif kienu u jghid

ukoll: *"Jien nghid li hadthom mimlijin lesti minn ghandu c-cekkijiet, u ma nafx min kitibhom"* (*a fol.* 279).

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghall-konkluzjonijiet raggunti mill-espert is-Sur Joseph Mallia fir-rapport tieghu fejn qal hekk:

> *"Illi l-kliem u n-numri li jidhru fil-kaxxa ta' lewn ahmar miktubin fuq ic-cheque dokument RA 1* ***Referenza ritratt F135***[3] *gew ikkomparati pozitivament u ghalhekk huma identici mal-kaligrafija Doreen Spiteri."* [4]

> *"Illi l-kliem u n-numri li jidhru fil-kaxxa ta' lewn ahmar miktubin fuq ic-cheque dokument RA 2* ***Referenza ritratt F138***[5] *gew ikkomparati pozitivament u ghalhekk huma identici mal-kaligrafija Doreen Spiteri."* [6]

> *"Illi l-kliem u n-numri li jidhru fil-kaxxa ta' lewn ahmar miktubin fuq ic-cheque dokument RA 3* ***Referenza ritratt F141***[7] *gew ikkomparati pozitivament u ghalhekk huma identici mal-kaligrafija Doreen Spiteri."*[8]

Illi ghaldaqstant isegwi li meta c-cekkijiet in kwistjoni gew mghoddija minn Muscat lill-imputat dawn ma kienux mimlija kompletament. Irrizulta mir-rapport tas-Sur Joseph Mallia li Doreen Spiteri kitbet il-kliem u n-numri fuq dawn ic-cekkijiet. Ta' min jinnota li din Doreen Spiteri ghazlet li ma tixhidx f'dawn il-proceduri wara li l-Qorti wissietha li setghu jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront taghha.

Illi l-Prosekuzzjoni targumenta li dak li tipprovdi l-ligi fir-rigward tar-reat ta' frodi gie pruvat. Inghad aktar il-fuq li:

---

[3] *A fol.* 247.
[4] *A fol.* 239.
[5] *A fol.* 248.
[6] *A fol.* 241-242.
[7] *A fol.* 249.
[8] *A fol.* 244-245.

> "[...H]u necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi".

Issa, fil-kaz odjern dak li gara huwa li Muscat ghadda tlett cekkijiet lill-imputat, wara li kienu qablu fuq il-prezz ghall-bejgh tal-vetturi u peress li Muscat ma jafx jikteb u jaqra ghadda c-cekkijiet mhux mimlija lill-imputat bil-konsegwenza li dawn gew mimlija minn terza persuna u gara li gara. B'dan l-att, wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-esposizzjoni legali tar-reat ta' frodi kif indikat hawn fuq, tinnota li ma tista' qatt tirrizulta htija fl-imputat taht Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti ma tistax ma tinnutax in-nuqqas *da parte* ta' Muscat li jghaddi cekkijiet mhux mimlija lil xi hadd iehor. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha l-Prosekuzzjoni bbazat ruhha fuq diversi supposizzjonijiet.

Ghaldaqstant isegwi li l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat ma gietx sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**
Illi din l-imputazzjoni tikkoncerna Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

> "Kull persuna ohra li taghmel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi tohloq [...]".

Illi, a skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti taghmel riferenza ghall-konkluzjonijiet raggunti mis-Sur Joseph Mallia fir-rapport tieghu u li, uhud minnhom, gew elenkati aktar il-fuq f'din is-sentenza. Apparti dan, il-Qorti tinnota wkoll li s-Sur Joseph Mallia rrelata s-segwenti fir-rapport tieghu:

- Fir-rigward ta' Dok. "RA 1" (cekk ta' €16,000 datat 6/10/11): *"Illi l-esponent ghamel ezamijiet kaligrafici komparattivi bejn il-kitba tan-numri tad-data **(06.10.2011)** u l-kitba tal-ammont **(€16000)** li jidhru miktubin fin-naha ta' quddiem tad-dokument RA 1, u l-kampjuni tal-kitba Josef Grech (dokumenti JM 3, JM 4, JM 5, u JM 10), bir-rizultat fin-negattiv".*[9]

- Fir-rigward ta' Dok. "RA 2" (cekk ta' €12,500 datat 10/10/11): *"Illi l-esponent ghamel ezamijiet kaligrafici komparattivi bejn il-kitba tan-numri tad-data **(10.10.2011)** u l-kitba tal-ammont **(€12500)** li jidhru miktubin fin-naha ta' quddiem tad-dokument RA 2, u l-kampjuni tal-kitba Josef Grech (dokumenti JM 3, JM 4, JM 5, u JM 10), bir-rizultat fin-negattiv".*[10]

- Fir-rigward ta' Dok. "RA 3" (cekk ta' €16,000 datat 6/10/11): *"Illi l-esponent ghamel ezamijiet kaligrafici komparattivi bejn il-kitba tan-numri tad-data **(06.10.2011)** u l-kitba tal-ammont **(€16000)** li jidhru miktubin fin-naha ta' quddiem tad-dokument RA 3, u l-kampjuni tal-kitba Josef Grech (dokumenti JM 3, JM 4, JM 5, u JM 10), bir-rizultat fin-negattiv".* [11]

Illi ghaldaqstant jirrizulta bl-aktar mod car li ma kienx l-imputat li ffalsifika c-cekkijiet in kwistjoni. Fin-Nota ta' Osservazzjonijiet taghha, il-Prosekuzzjoni tafferma li l-Qorti ma tistax ssib htija diretta tal-imputat ghar-reat ta' falsifikazzjoni pero tafferma wkoll li l-Qorti tista' certament issib htija ta' komplicita' f'dan ir-reat. Il-Qorti mhijiex konvinta dwar dan u dana b'mod partikolari minhabba l-fatt li Doreen Spiteri anqas kienet parti minn dawn il-proceduri odjerni. Tenut kont ta' dan kollu, ma jirrizultax li t-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**
Illi Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk: *"Kull persuna li xjentement taghmel uzu minn att, kitba jew skrittura falza*

[9] *A fol.* 116.
[10] *A fol.* 155.
[11] *A fol.* 199.

*msemmija fl-artikoli ta' qabel [...]"*. Dan l-Artikolu jirrigwarda "Min xjentement jaghmel uzu minn dokumenti foloz".

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

- Ic-cekkijiet in kwistjoni gew mghoddija minn Muscat lill-imputat.
- Dawn ma gewx mghoddija lill-imputat mimlija. Mhuwiex minnu dak li qal l-imputat fejn qal li c-cekkijiet gew mghoddija lilu mimlija u li huwa sarrafhom kif kienu peress li rrizulta li dawn ic-cekkijiet imtlew minn Doreen Spiteri.
- Ic-cekkijiet kienu jkopru hlas ta' bejgh ta' zewg vetturi: wahda *Free Lander* u ohra *Mazda*.
- Jirrizulta li Muscat u l-imputat ftehmu fuq il-prezz miftiehem ghall-bejgh ta' dawn iz-zewg vetturi.
- Id-differenza fuq il-prezz miftiehem ghal bejgh taz-zewg vetturi u dak li rrizulta fuq ic-cekkijiet huwa wiehed fenomenali.
- Jirrizulta li c-cekkijiet gew msarrfa mill-imputat.
- Gie pruvat li l-valur tal-vetturi mibjugha mill-imputat lil Muscat ma kienx wiehed ta' eluf kbar ta' Euro kif ndikaw ic-cekkijiet pero kien wiehed ferm u ferm aktar izghar. Dan irrizulta mid-depozizzjoni ta' Glenn Theuma, Joe Dimech, Paul Sciberras u Alfred Agius.

Illi, tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti, minghajr ebda dubju, ma ghandhiex ghalfejn tiddubita mill-verzjoni kif moghtija minn Muscat u dana b'mod specjali ghall-prezz miftiehem tal-bejgh tal-vetturi. Fl-atti jissemma li Doreen Spiteri hija t-tfajla tal-imputat u apparti l-fatt li Muscat jghid li din kienet prezenti mal-imputat meta sar il-bejgh, il-Qorti tinnota li din Doreen Spiteri ddikjarat tlett darbiet[12] quddiem il-Qorti li hija l-*partner* tal-imputat (u dana ghamlitu meta dehret u ezebiet certifikat mediku tal-istess imputat). Mehud in konsiderazzjoni dan kollu, b'mod partikolari l-fatt li l-imputat innifsu sarraf ic-cekkijiet in kwistjoni, il-Qorti ma ghandu jibqghalha l-ebda dubju li t-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-

[12] Seduta tat-18 ta' Frar 2013 (*a fol.* 59), Seduta tal-21 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 77) u Seduta tat-30 ta' April 2015 (*a fol.* 297).

konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**<u>Ir-Raba' (4) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qieghed jigi akkuzat li huwa recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Apparti l-fedina penali (Dok. "RSS 1" – *a fol.* 9 *et seq.*), il-Prosekuzzjoni ezebiet ukoll vera kopji ta' tlitt sentenzi: Dok. "RS 5" (*a fol.* 28 *et seq.*), Dok. "RS 6" (*a fol.* 32 *et seq.*) u Dok. "RS 7" (*a fol.* 35 *et seq.*). Filwaqt li l-konnotati tal-persuna kontra min inghataw is-sentenzi mmarkati bhala Dok. "RS 5" (*a fol.* 28 *et seq.*) u Dok. "RS 6" (*a fol.* 32 *et seq.*) huma identici ghal dawk tal-imputat fil-kawza odjerna, u ghaldaqstant il-Qorti ma ghandu jibqghalha l-ebda dubju li dawn gew moghtija fil-konfront tal-imputat, fir-rigward ta' sentenza mmarkata bhala Dok. "RS 7" (*a fol.* 35 *et seq.*) din is-sentenza ma tikkontjeniex il-konnotati tal-persuna kontra min inghatat u anqas ma saret identifikazzjoni tal-imputat mill-Ufficjal Prosekutur tal-kawza in kwistjoni u b'hekk il-Qorti mhux ser tiehu in konsiderazzjoni ta' din is-sentenza, cioé Dok. "RS 7" (*a fol.* 35 *et seq.*).

Illi l-Qorti ser tikkunsidra lill-imputat li huwa recidiv biss *ai termini* ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana *stante* li f'Ottubru 2011 (id-data tal-imputazzjonijiet odjerni) it-terminu ta' sentenza sospiza moghti fis-sentenza datata 5 ta' Mejju 2010 (Dok. "RS 5" – *a fol.* 28 *et seq.*), liema terminu gie estiz bis-sentenza moghtija fil-5 ta' April 2011 (Dok. "RS 6" – *a fol.* 32 *et seq.*), kien ghadu ghaddej[13]. Fir-rigward tas-sentenza moghtija fil-5 ta' April 2011 (Dok. "RS 6" – *a fol.* 32 *et seq.*), l-imputat gie liberat, apparti l-estensjoni tas-sentenza sospiza, bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tlitt snin[14].

[13] *Vide* sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Gunju 2015 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony sive Antoine Rapa**.
[14] *Vide* sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' April 2008 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Zahra**.

**<u>Il-Hames (5) u s-Sitt (6) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**
Illi filwaqt li l-Qorti, fejn jirrigwarda s-sentenzi mmarkati bhala Dok. "RS 5" (*a fol.* 28 *et seq.*) u Dok. "RS 6" (*a fol.* 32 *et seq.*), a skans ta' ripetizzjoni, taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni, il-Qorti tinnota li ma ghandu jibqghalha l-ebda dubju li l-hames (5) u s-sitt (6) imputazzjoni addebitati fil-konfront tal-imputat gew sodisfactentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghhom.

**Ikkunsidrat**

Illi huma biss it-tielet (3), il-hames (5) u s-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat li gew sodisfacentement pruvati. Fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni, il-Qorti ser issib lill-imputat li huwa recidiv biss *ai termini* ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat u li gew pruvati (b'mod partikolari l-ammont involut f'dawn il-proceduri u kif ukoll in-natura tal-hames (5) u s-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat (fejn l-imputat ikkommetta r-reat addebitat lilu waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza u kiser provediment ta' sentenza moghtija lilu)), u kif ukoll il-fedina penali (Dok. "RSS 1" – *a fol.* 9 *et seq.*) tal-istess imputat, li jirrizulta li mhijiex wahda nadifa. Il-Qorti ghandha sitwazzjoni quddiemha fejn l-imputat ikkommetta reati simili u gie kkundannat f'aktar minn sentenza wahda. **<u>Jidher li l-imputat ma jridx jitghallem u dana minkejja li huwa nghata aktar minn cans wiehed sabiex jaghraf jimxi fit-triq it-tajba, pero huwa ma hax dan ic-cans u dana minkejja li kellu sentenza ta' prigunerija sospiza fil-konfront tieghu u kif ukoll provediment *ai termini* ta' Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**. <u>M'hemmx dubju li din id-darba l-Qorti ser tghaddi sabiex timponi terminu ta' prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputat u ser iggib fis-sehh is-</u>

sentenza ta' prigunerija sospiza li kienet giet moghtija fil-konfront tieghu. Il-Qorti ser titratta wkoll mal-imputat ghar-reati li ghalihom huwa nghata l-liberta' kundizzjonata fis-sentenza mmarkata bhala Dok. "RS 6" (*a fol.* 32 *et seq.*).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, fuq nuqqas ta' provi, ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnhom, fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni ma tikkunsidrax lill-imputat recidiv *ai termini* tal-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tal-14 ta' April 2014 b'mod partikolari Artikoli 28B, 49 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Josef Grech hati tat-tielet (3), tar-raba' (4) (taht Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta **biss**), tal-hames (5) u tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u filwaqt li ggib fis-sehh is-sentenza ta' tmien xhur prigunerija sospiza, it-terminu ta' liema kien gie sospiz u sussegwentement estiz[15], tikkundanna lill-imputat ghal perijodu iehor ta' hames snin prigunerija, biex b'hekk l-imputat ikun gie globalment ikkundannat ghal perjodu ta' hames (5) snin u tmien (8) xhur prigunerija.

Il-Qorti tordna wkoll lill-hati sabiex, *ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ihallas fi zmien xahar millum l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-espert f'dawn il-proceduri, u cioé is-somma ta' elf, erba' mija u sitta u erbghin Euro u sittax il-centezmu (€1446.16).[16]

Finalment, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni fic-*charge sheet* fejn il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana *stante* li tul il-prosegwiment tal-kawza ma sar l-ebda accenn ghal din it-talba u *del*

[15] *Vide* Dok. "RS 5" (*a fol.* 28 *et seq.*) u Dok. "RS 6" (*a fol.* 32 *et seq.*).
[16] Dok. "JM 11" (*a fol.* 250).

*resto* dawn l-Artikoli ma jirrizultawx fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**